**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

**Seduta 16 ta' Frar, 2018**

**Avviz nru: 202/2017 AM3**

**Numru fuq il-lista: 44**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS1501**

**Vs**

**Piva Duilio (140017A)**
**27, Portelli Court, Flat 3,**
**Triq ta' Bieb it-Torri,**
**Msida**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' April, 2017 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' hames mija u tlieta u tmenin ewro u erbgha u disghin centezmu (€583.94c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40558929.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut giet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda bil-gurament ta' Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li permezz tieghu kkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li r-rapprezentant tas-socjeta attrici kkonfermat li l-ammont ghadu dovut, t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, u ghaldaqstant it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' hames mija u tlieta u tmenin ewro u erbgha u disghin centezmu (€583.94c) bl-imghaxijiet legali mit-08 ta' Gunju 2016 d-data tal-ittra ufficjali 1041/16 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**